

# Rapport Annwali

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

2017

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# Rapport Annwali

2017



Din l-ewwel edizzjoni ġiet ippubblikata fl-2018 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Librerija Pubblika Ċentrali, Triq Prof. J. Mangion, il-Furjana, FRN1800
ktieb.org.mt

Stampat: Bestprint Co. Ltd

Disinn: Moira Scicluna Zahra

Copyright tat-test © Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Copyright tar-ritratti © Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

ISBN: 978-99957-916-6-7: Rapport Annwali 2017 (EBOOK format)

Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni huma miżmuma mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.
Dan il-ktieb qed jitqassam bil-kundizzjoni li ma jistax jinbiegħ. Ma jistax jinsilef, jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla jew legatura oħra ħlief kif inhu ppubblikat.
Ma jista' jsir l-ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-kunsens tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

# Werrej

| | |
|---|---|
| MESSAĠĠ MILL-KAP EŻEKUTTIV | 7 |
| IL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB | 10 |
| IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB | 14 |
| LONDON BOOK FAIR | 16 |
| IL-FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS | 18 |
| IL-KONKORS LETTERARJU TA' FILMS QOSRA U XOGĦLIJIET AWDJOVIŻIVI OĦRA TAL-KNK | 20 |
| IL-KONKORS LETTERARJU – KITBA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ | 22 |
| ŻJARAT TA' ĦIDMA U ĦIDMA INTERNAZZJONALI | 24 |
| IL-FOND MALTI GĦALL-KTIEB | 26 |
| INIZJATTIVI OĦRA | 28 |
| RAPPORT FINANZJARJU 2017 | 30 |
| ISBN & ISMN - LISTA | 31 |
| JEDDIJIET TAS-SELF PUBBLIKU 2017 | 65 |



# Dwarna

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa entità pubblika li toffri lill-industrija Maltija tal-ktieb bosta servizzi importanti filwaqt li tħeġġeġ il-qari u tippromovi l-ktieb bħala mezz ta' komunikazzjoni fl-għamliet kollha tiegħu. Fost attivitajiet ta' skala żgħira kif ukoll ta' skala nazzjonali, il-Kunsill jorganizza l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, jamministra l-Jeddijiet tas-Self Pubbliku, jorganizza konkorsi letterarji u huwa ukoll l-aġent lokali għall-ISBN u ISMN.

L-attitudni kulturali u l-mezzi ta' multimedia li jagħmel użu minnhom jipermettu lil Kunsill jaħdem b'mod dirett mal-industrija tal-ktieb. B'danakollu, bħala entità jaqa' fl-ambitu tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjieg. Mis-sena li għaddiet, il-Kunsill ingħata l-istatut ta' entità legali bil-privileġġi kollha li din iġib magħha.

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hu magħmul minn:**

*Kap Eżekuttiv*
Mark Camilleri

*Deputat Kap*
Charles Calleja

*Maniġer*
John Grech

*Segretarju*
Joe Debattista

*Organizzatur Kulturali*
Simona Cassano

*Organizzatur tal-Avvenimenti*
Vicky Spiteri

*Assistent Segretarju*
Michael Mercieca

*Membri tal-Kunsill*
Mark Joseph Zammit
Clare Azzopardi
Charles Mahoney
Christine Vella Borda
Emanuel Psaila
Joseph Mizzi
Joanne Sciberras


**Indirizz**
National Book Council
c/o Central Public Library
Prof. J Mangion Street
Floriana FRN 1800
Malta (EU)

**Telephone**
+35627131574 | +35627300672

**E-mail**
joe.debattista@gov.mt
john.f.grech@gov.mt
michael.mercieca@gov.mt
simona.cassano@gov.mt
vicky.spiteri@gov.mt

**Sit**
ktieb.org.mt




# Messaġġ mill-President



**Huwa bi pjaċir kbir li qed nikteb dwar ix-xogħol imwettaq fl-2017, sena mill-aktar sinifikanti għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Fl-aħħar, wara snin ta' ħidma, lobbjar u żvilupp,  il-Kunsill ġie rikonoxxut legalment permezz ta' avviż legali għall-ewwel darba.**

Huwa bi pjaċir kbir li qed nikteb dwar ix-xogħol imwettaq fl-2017, sena mill-aktar sinifikanti għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Fl-aħħar, wara snin ta' ħidma, lobbjar u żvilupp,  il-Kunsill ġie rikonoxxut legalment permezz ta' avviż legali għall-ewwel darba. L-2017 rat ukoll il-bidu ta' reġistru tal-Kunsill u arkivju konformi ma' standards tas-servizz pubbliku. Tliet impjegati tal-Kunsill attendew kors immexxi mis-servizz ċivili sabiex jiffamiljarizzaw irwieħhom aktar mal-ġestjoni u l-użu ta' dokumenti uffiċjali u reġistri pubbliċi. Fl-aħħar tas-sena, f'konformità ma' din iż-żieda amministrattiva u legali, il-Kunsill ħareġ ukoll l-ewwel Manwal tal-Awturi sabiex jgħin lill-awturi jifhmu aħjar l-aspetti kumplessi legali u finanzjarji tal-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur u s-suq tal-kotba.

Baqgħu għaddejjin sforzi ta' lobbjar rigward l-aspett finanzjarju. Flimkien mal-investiment tal-Gvern għaċ-ċelebrazzjoni tal-Belt Valletta bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura, il-Kunsill ingħata baġit totali ta' €490,000 għall-2018. Din hija żieda ta' 69% fuq l-allokazzjoni ta' €290,000 mogħtija mil-Gvern fl-2017, u qabża kbira mill-baġit annwali ta' €40,000 li writna mill-Kunsill ta' qabel fl-2013. Barra minn hekk, fl-2017 id-Dipartiment tal-Artijiet ikkonferma d-deċiżjoni li jagħti bini pubbliku mhux użat fi Triq Zekka, Valletta, lill-Kunsill wara sforzi twal sabiex jakkwista bini storiku fil-Belt Valletta biex joħloq ċentru tal-kotba li jkun jista' jospita mużew tal-kotba u tal-letteratura u ħanut tal-kotba privat. Hemm ħtieġa ta' fondi sabiex il-proprjetà tiġi rrestawrata u tkun aċċessibbli għall-użu.

Fl-2017 aħna investejna aktar fl-inizjattivi tagħna, l-aktar fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u fil-ħidma tagħna ta' promozzjoni u kummerċjalizzazzjoni. Temmejna l-programm tagħna tat-televixin ta' kull ġimgħa "Xi Qrajt Dan l-Aħħar?" fit-tieni staġun tiegħu u bdejna programm ġdid tat-televixin bl-isem ta' "Paġna minn Ktieb", li fih Antonella Axisa taqra siltiet minn letteratura Maltija kontemporanja. Verżjoni itwal tal-programm, "Wiċċ imb Wiċċ", tikkonsisti minn intervista ta' bejn 20 u 30 minuta mal-awtur li tittella' direttament fuq il-paġni tagħna fuq Facebook u YouTube. Permezz tal-produzzjoni ta' dawn il-programmi, qed niffrankaw ħafna flus billi nipproduċu l-programmi

internament, bl-użu tal-faċilitajiet ta' ffilmjar tal-Ministeru tal-Edukazzjoni minflok bis-sottokuntrattar ta' kumpaniji awdjoviżivi. Din għenitna sabiex norganizzaw il-miri finanzjarji tagħna għall-2018 mill-ġdid ħalli ninvestu iktar fondi fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb minflok. Bdejna wkoll programm tar-radju ġdid fuq l-istazzjon ewlieni tal-PBS "Radju Malta 1." Wara li s-CEO John Bundy irrevoka l-impenn tal-PBS li jforni t-tagħmir u r-riżorsi għall-Konkors Letterarju ta' Films Qosra tal-NBC-PBS, id-differenza kellha tiġi kkumpensata b'investiment miżjud mill-Kunsill. Id-diskussjonijiet għandhom jerġgħu jibdew mal-PBS ladarba jinħatar is-CEO il-ġdid.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb jibqa' l-akbar investiment tagħna minħabba li huwa l-aktar avveniment importanti kummerċjali, kulturali u edukattiv fl-industrija Maltija tal-kotba. Mill-ambizzjonijiet finanzjarji tagħna u d-data miġbura mill-esebituri fil-Festival, il-bejgħ ta' kotba fil-Festival tal-2017 ma żdiedx, u żamm ir-rekord tas-sena preċedenti. Il-bejgħ fil-Festival tal-Ktieb huwa sors importanti ta' dħul għall-pubblikaturi lokali. Minħabba t-tnaqqis fid-dħul minn bejgħ fil-ħwienet tal-kotba, qed isir aktar sforz mill-Kunsill sabiex jgħin lill-pubblikaturi jżidu d-dħul tagħhom permezz tal-festivals tagħna. Din kienet ukoll ir-raġuni għaliex fl-2017 bdejna festival ġdid tal-ktieb f'Għawdex. Din iż-żieda fl-investiment hi mistennija li tkompli tikber fl-2018, kemm għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb kif ukoll għal festivals oħra anċillari.
Tkompla l-illobbjar fuq livell istituzzjonali sabiex jiggarantixxi d-drittijiet, kemm tal-pubblikaturi kif ukoll tal-awturi. Permezz tal-lobbjar sabiex jiġu introdotti rappreżentanti uffiċjali tal-awturi u l-pubblikaturi fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, il-Kunsill ingħata rappreżentazzjoni lill-pubblikaturi f'dan il-Kunsill mill-gvern skont il-liġi. Il-Kunsill innegozja wkoll ftehim bejn il-pubblikaturi u l-Ministeru tal-Edukazzjoni għall-introduzzjoni ta' liċenzji tad-drittijiet tal-awtur. Issa, ninsabu fl-istadju fejn il-pubblikaturi qegħdin iniżżlu l-ftehim meħtieġ bil-miktub sabiex jiġi ffirmat. L-iffirmar ta' dawn il-liċenzji huwa importanti sabiex il-gvern ikun konformi mar-regolamenti attwali tad-drittijiet tal-awtur, u wkoll minħabba l-eċċezzjoni tal-edukazzjoni kif ipproponuta fid-direttiva proposta dwar id-drittijiet tal-awtur tal-Kummissjoni Ewropea. Rigward din id-direttiva proposta, li għadha qed tiġi diskussa fuq il-livell istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, aħna wkoll għaddejjin bi sforzi ta' lobbjar sabiex ikun żgurat li d-direttiva ma tkunx ta' dannu għall-awturi u l-pubblikaturi lokali. F'dan ir-rigward nixtiequ naraw li jsiru diversi bidliet fid-direttiva, inkluż tibdil fl-Artikoli 11, 12 u 13.

Ix-xogħol tagħna li nippromwovu l-letteratura Maltija barra l-pajjiż baqa' għaddej b'ritmu mgħaġġel. Il-parteċipazzjoni tagħna fil-Fiera tal-Kotba ta' Londra qed tkun dejjem aktar ta' suċċess u nisperaw li nkomplu nibnu fuq dan is-suċċess sabiex naraw aktar awturi Maltin ppubblikati barra mill-pajjiż. L-għotja tal-Kunsill Malti għall-Arti hija utli sabiex ix-xogħol tal-awturi jiġi tradott u b'xorti tajba, il-Kunsill Malti għall-Arti reġa' żied l-għotja tat-traduzzjoni fl-2017 għal total ta' €40,000. Nittamaw li l-Kunsill Malti għall-Arti jżomm l-impenn tiegħu fis-snin li ġejjin. Il-ħidma tagħna barra mill-pajjiż mhijiex biss limitata għall-Ewropa, iżda hija mifruxa lejn ir-reġjun Għarbi u l-Amerika Latina. Madanakollu l-fondi tagħna f'dan is-settur għadhom limitati ħafna.

F'suq li qed isir aktar kompetittiv, il-Kunsill għandu l-għan li jkompli jżid l-isforzi tiegħu sabiex jgħin lill-pubblikaturi u l-awturi jżidu s-sorsi ta' dħul — dan l-għan mhuwiex intenzjonat biss għal finijiet kummerċjali. Industrija tal-ktieb b'saħħitha u ta' suċċess hija essenzjali għall-iżvilupp kulturali, edukattiv u intellettwali ta' pajjiżna u huwa għalhekk li aħna nieħdu l-għan u l-ħidma tagħna b'serjetà kbira bit-tama li eventwalment din se tikkontribwixxi għal soċjetà aħjar.

**F'suq li qed isir aktar kompetittiv, il-Kunsill għandu l-għan li jkompli jżid l-isforzi tiegħu sabiex jgħin lill-pubblikaturi u l-awturi jżidu s-sorsi ta' dħul.**





# Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

L-għadd kbir ta' sottomissjonijiet għal darb'oħra wera li r-riformi tal-2014 fis-sistema tal-aġġudikazzjoni u r-regoli ta' parteċipazzjoni kellhom l-effett mixtieq ta' żieda fil-prestiġju tal-Premju u li ħeġġeġ aktar awturi sabiex jibagħtu x-xogħol tagħhom għall-evalwazzjoni. Għall-edizzjoni tal-2017, saru aktar emendi bir-riżultat aħħari jkun li l-piż tal-kriterji li jirregolaw l-aġġudikazzjoni tal-Premju għal xogħlijiet ta' traduzzjoni nbidlu b'mod li jpoġġu aktar enfasi fuq il-merti ta' traduzzjoni minflok l-għażla tax-xogħol għat-traduzzjoni. Fi kliem ieħor, għalkemm għadu importanti li dak li jkun jagħżel li jittraduċi lil Proust jew awtur simili għall-Malti, huma l-merti tat-testi tradotti li se jiddeterminaw il-biċċa l-kbira tal-punti attribwiti. Emenda oħra importanti kienet l-assenjar mill-ġdid ta' kategorija ta' Riċerka Storjografika, li ġiet estiża għal "Riċerka ta' Natura Bijografika u Storjografika."

Iż-żieda fin-numru ta' sottomissjonijiet u parteċipazzjoni timplika żieda fil-probabbiltà ta' riżultati mhux mistennija jew mhux tas-soltu, li fil-fatt kien il-każ matul l-aħħar ftit edizzjonijiet. L-edizzjoni tal-2017 ma kinitx eċċezzjoni f'dan ir-rigward — il-premju għal rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż intrebaħ minn Lou Drofenik, mara Maltija Awstraljana b'rumanz bl-Ingliż, sorpriża f'diversi aspetti. Ir-rumanz, The Confectioner's Daughter, kellu jikkompeti ma' rumanzi fejn l-awturi li kitbuhom huma ismijiet kbar fix-xena lokali. B'hekk ir-riżultat huwa aktar u aktar impressjonanti. Bil-kategoriji u l-kriterji jilħqu livell sodisfaċenti, il-qasam ewlieni li jeħtieġ li naħdmu aktar fuqu fil-futur se jkun il-promozzjoni ta' titli rebbieħa wara l-Premju. Il-KNK diġà għandu programm ta' promozzjoni li jagħmel użu sħiħ mill-midja soċjali għad-dispożizzjoni tiegħu biex jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku għat-titli rebbieħa. Barra minn hekk, il-Kunsill juża diversi okkażjonijiet bħall-Jum Dinji tal-Ktieb jew Jum il-Librerija sabiex iqassam dawn il-kotba fl-iskejjel, post-sekondarji, kulleġġi, sptarijiet u faċilitajiet korrettivi iżda jeżistu possibbiltajiet oħra li se jkunu sfruttati fis-snin li ġejjin.

> **Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb tal-2017 għal kotba ppubblikati fl-2016, li kellu fost l-akbar numru ta' sottomissjonijiet fl-istorja ta' dan il-premju prestiġjuż, kellu ċ-ċerimonja uffiċjali tiegħu fit-8 ta' Diċembru fil-Berġa ta' Kastilja taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru.**



## *Rebbieħa tal-Premju Terramaxka 2017*

**Kategorija: xogħlijiet oriġinali (0–7)**
Clare Azzopardi bil-ktieb ***Il-Qtates ta' max-Xatt*** (Merlin Publishers)
Noel Tanti bil-ktieb ***Fil-kamra ta' Jonas*** (Merlin Publishers)

**Kategorija: xogħlijiet oriġinali (8–12)**
John A Bonello bil-ktieb ***Irvin Vella investigatur virtwali: Il-każ tas-serqiet strambi*** (Merlin Publishers)

**Kategorija: xogħlijiet oriġinali (13–16)**
Antoinette Borg bil-ktieb ***Fittixni*** (Merlin Publishers)

**Kategorija: xogħlijiet tradotti (0–7)**
Leanne Ellul bil-ktieb ***Inħobbok*** (Merlin Publishers)

**Kategorija: xogħlijiet tradotti (8–12)**
Leanne Ellul u Clare Azzopardi bil-ktieb ***Teresa*** (Merlin Publishers)

**Kategorija: premju għall-aħjar produzzjoni tal-kotba**
Merlin Publishers bil-ktieb ***Il-Qtates ta' max-Xatt*** ta' Clare Azzopardi

## *Rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2017*

**Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż**
Premju Mogħti lil Lou Drofenik għall-Ktieb: *The Confectioner's Daughter* (Horizons)

**Novelli bil-Malti u bl-Ingliż**
Premju Mogħti lil Alfred Sant għall-ktieb: *Western: Bejn rakkonti, bejn divertimenti* (SKS)

**Poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż**
Premju Mogħti lil Immanuel Mifsud għall-ktieb: *Ħuta* (Klabb Kotba Maltin)

**Traduzzjoni**
Premju Mogħti lil Paul Zahra għall-ktieb: *Marcel Proust: Għat-tfittxija mitluf: mix-xaqliba ta' Dar Swann*

**Riċerka ta' Natura Ġenerali**
Premju Mogħti lil Patrick J. Fenech: *The Maltese Festa: A Traditional Yearly Ritual* (BDL)

**Riċerka ta' Natura Bijografika u Storjografika**
Premju Mogħti lil Joseph Vella Bondin għall-ktieb: *The Great Maltese Composers: Historical Context, Lives and Works* (APS Bank Ltd)

**Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra**
Premju Mogħti lil Kevin Casha għall-Ktieb: *Photography in Malta: The History and the Protagonists* (APS Bank Ltd)

**Premju lil dik il-Persuna Żgħażugħa li bdiet tikteb riċentament u iddistingwixxiet ruħha bil-kitba u l-kotba tagħha**
Premju Mogħti lil Roberta Bajada

**Premju lil dik il-persuna li tat kontribut siewi fil-letteratura jew fil-qasam tal-ktieb**
Premju Mogħti lil Victor Fenech



# Finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u tal-Premju Terramaxka 2017

## Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2017

### Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż

*The Confectioner's Daughter* ta' Lou Drofenik (Horizons)
*Shadows in Penumbra* ta' Lillian Sciberras (Horizons)
*Fid-dlam tal-lejl ħarisna* ta' Immanuel Mifsud (Klabb Kotba Maltin)
*Nex* ta' Mark Camilleri (Merlin Publishers) '
*Grasshopper* ta' Aleks Farrugia (Merlin Publishers)
*Lucy Min?* ta' Lara Calleja (Merlin Publishers)

### Novelli bil-Malti u bl-Ingliż

*Western: bejn rakkonti, bejn divertimenti* ta' Alfred Sant (SKS Publishers)
*Awguri, Giovanni Bonello!* ta' Chris Gruppetta (Editur) (Merlin Publishers)
*Stejjer veri li qatt ma ġraw* ta' Charles Casha (Klabb Kotba Maltin)
*Mhux nies* ta' Jean Paul Borg (Klabb Kotba Maltin)

### Poeżija bil-Malti u bl-Ingliż

*Who Looks at the Sun Anymore* ta' Kenneth Wain (Horizons)
*Ħuta* ta' Immanuel Mifsud (Klabb Kotba Maltin)
*Nartiċi* ta' Norbert Bugeja (Klabb Kotba Maltin)

### Traduzzjoni

*Marcel Proust: 'Għat-tfittxija taż-żmien mitluf: Mix-xaqliba ta' Dar Swann* ta' Paul Zahra
*Il-maħbub ta' Lady Chatterley* ta' Alfred Palma (Horizons)

### Riċerka Bijografika u Storjografika

*The Great Maltese Composers: Historical Context, Lives and Works* ta' Joseph Vella Bondin (APS Bank Ltd.)
*L-Iżvilupp tal-Edukazzjoni* ta' Joseph A. Xerri (SKS Publishers)
*The Pre-Siege Maps of Malta: Second Century AD – 1674* ta' Albert Ganado and Joseph Schirò (BDL)
*The Fleet of the Knights of Malta: Its Organisation During the Eighteenth Century* ta' Joseph F. Grima (BDL)
*Waking the Dead: Nineteenth Century Obituaries of a Mirror of Maltese Society (1815-c.1910)* ta' Michael Refalo (BDL)
*Kissing the Gallows* ta' William Zammit (BDL)
*Remembering Rediffusion in Malta* ta' Toni Sant (Midsea Books Ltd.)
*Nation, Pride and Dignity* ta' Joseph M. Pirotta (Midsea Books Ltd.)
*Min qatel il-Patri?* ta' Mark Montebello u Marlene Mifsud Chircop (Klabb Kotba Maltin)
*Photography in Malta: the History and the Protagonists* ta' Kevin Casha (APS Bank Ltd.)
*Filial Churches in Malta: Qormi: a Case Study* ta' Hilary Spiteri (Horizons)
*Treasures of Faith* ta' Edgar Vella (Midsea Books Ltd.)

### Riċerka ta' Natura Ġenerali

*Maltese Plants in the Bible* ta' Peter Calamatta
*Vanishing Malta: Raising Consciousness on Safeguarding Malta's Legacy* ta' Kevin Casha (APS Bank Ltd.)
*The Road Less Travelled of a Scientist and Priest: Pierre Teilhard De Chardin* ta' Mary Anne Sultana
*Rescur: nirkbu l-mewġ tal-ħajja (Vol.1 – 5)* ta' Carmel Cefai, Paul Bartolo and Katya Galea (Ċentru Reżiljena u Saħħa Soċjo Emozzjonali UOM)
*Anna tal-Esseni* ta' Emanuel J. Casingena (Horizons)
*Contemporary Architecture in Malta* ta' Conrad Thake (Kite Group)
*A Commentary on the Constitution of Malta* ta' Tonio Borg (Kite Group)
*The Maltese Village Festa: a Tradiitonal Yearly Ritual* ta' Patrick J. Fenech (BDL)

## Premju Terramaxka 2017

### Xogħlijiet Oriġinali: Kotba għat-tfal (Etajiet 0–7)

*Wherever Could They Be? Fejn setgħu qegħdin* ta' Naomi Gatt (Horizons)
*Il-Qtates ta' max-Xatt* ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)
*Fil-kamra ta' Jonas* ta' Emanuel (Noel) Tanti (Merlin Publishers)

### Xogħlijiet Oriġinali: Kotba għat-tfal (Etajiet 8–12)

*Żiffa mqarba f'Ħal Buffura* ta' Rita Saliba (BDL)
*Il-każ tas-serqiet strambi* ta' John A. Bonello (Merlin Publishers)
*Stejjer ma jitwemmnux mill-Klassi ta' Miss Ambrożja Pulis Kiftaranipinġini* ta' Audrey Friggieri (Merlin Publishers)
*Arloġġ u tila* ta' Roberta Bajada (Merlin Publishers)

### Xogħlijiet Oriġinali: Kotba għall-Adolexxenti (Etajiet 13–16)

*Fittixni* ta' Antoinette Borg (Merlin Publishers)

### Traduzzjoni: Kotba għat-tfal (Etajiet 0–7)

*Inħobbok* ta' Leanne Ellul (Merlin Publishers)
*Lupu Lupettu jżur il-Foresta tal-Ħrejjef* ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)
*Lupu Lupettu jinvestiga l-mużew* ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)

### Traduzzjoni: Kotba għat-tfal (Etajiet 8–12)

*Teresa* ta' Leanne Ellul u Clare Azzopardi (Merlin Publishers)
*L-Opri tal-Ħniena imfissra liż-Żgħażagħ* ta' Terence Portelli (CAK-Reliġjon u Ħajja)






# Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb

**Ix-xejra emerġenti ta' żieda fil-viżitaturi u ta' parteċipazzjoni akbar minn aġenti kulturali bħalma huma l-pubblikaturi, id-distributuri tal-kotba, il-bejjiegħa tal-kotba u l-għaqdiet mhux governattivi (NGOs) li kkaratterizzat l-aħħar edizzjoni tal-Festival, kienet għal darb'oħra evidenti fl-edizzjoni ta' din is-sena.**

Matul dawn l-aħħar ftit snin, il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ikkonsolida r-reputazzjoni tiegħu bħala l-pjattaforma ideali għall-awturi u l-pubblikaturi sabiex jippreżentaw l-aħħar xogħlijiet tagħhom. Dan ġie kkonfermat fl-edizzjoni tal-2017 minn għadd kbir ta' tnedijiet u preżentazzjonijiet matul il-Festival li ma kinux limitati għall-kotba, iżda inkludew ukoll ġurnali speċjalizzati, bħal ngħidu aħna l-5 volum ta' *Threads: A Journal of Philosophy* tal-SPS, is-36 edizzjoni ta' *Leħen il-Malti* mill-Għaqda tal-Malti – Università u r-4 volum ta' *Melita Classica*, ġurnal akkademiku tal-Malta Classics Association, li kienet fost il-parteċipanti l-ġodda tal-Festival tal-2017. Ta' interess partikolari fost il-kotba mnedija nsibu *L-Iżvijati* ta' Walid Nabhan (Midsea Books), li huwa t-tieni rumanz ippubblikat mill-awtur, wara l-ewwel rumanz tiegħu, *L-Eżodu taċ-Ċikonji*, li rebaħ il-Premju Ewropew għal-Letteratura fl-2017, u ta' interess ukoll kellna numru kbir ta' pubblikazzjonijiet bil-lingwa Taljana ppreżentati mill-Istituto Italiano di Cultura.

Bħas-soltu, kull filgħodu matul il-ġimgħa kien riżervat għal tfal tal-iskola u studenti bi programm varjat u divertenti mħejji mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Fost l-attivitajiet kien hemm teatru tat-triq, it-Terramaxka li ssir kull sena u għadd ta' wirjiet skedati mtella' mis-Sezzjoni tad-Drama fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. It-tfal u l-istudenti li attendew ingħataw vawċer ta' tliet ewro sabiex jonfquhom fuq kotba minn stands fil-Festival. Għall-ewwel darba fil-Festival, studenti minn skejjel tal-lingwa Ingliża ġew mistiedna jżuru l-Festival filgħodu matul il-ġimgħa sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet ukoll. Ir-rispons kien pożittiv ħafna, allura, indubbjament, dan se jerġa' jsir fl-edizzjoni li jmiss.

Il-fatt li l-avveniment intwera bħala festival, minflok fiera tal-kotba kwalunkwe, ġab miegħu għadd ta' bidliet, fosthom tema partikolari għall-edizzjonijiet riċenti tal-Festival. It-tema għall-2017, magħżula abbażi tar-relevanza politika u soċjali immedjata tagħha, kienet il-kunċett ta' "verità" fil-letteratura. Il-konferenza ewlenija li tat bidu għall-Festival fit-8 ta' Novembru kienet intitolata "Il-Verità fil-Letteratura Fittizja u Dik mhux Fittizja." Kif xieraq, il-konferenza tmexxiet mill-eksġurnalista tal-BBC Rosie Goldsmith u l-parteċipanti kienu lkoll kittieba: l-awtur Malti Alex Vella Gera, li l-istorja qasira tiegħu *Li Tkisser Sewwi* qanqlet kontroversja madwar il-pajjiż minħabba r-rappreżentazzjoni espliċita u grafika tagħha tal-protagonist misoġinu u l-avventuri oxxeni tiegħu, il-kittieba u poeta Britannika Ros Barber, l-awtriċi tar-rumanz famuż miktub stil ta' poeżija, *The Marlowe Papers*, il-kittieb Franċiż ta' rumanzi storiċi, Gilbert Sinuoè, u l-poeta, kittieb u akkademiku mill-Kuwajt Shahd Alshammari.

Minbarra dawn il-mistednin, li lkoll ipparteċipaw f'avvenimenti oħra, inkluż avveniment li ffoka fuq il-karriera artistika tagħhom u xogħolhom, kien hemm ukoll figuri prominenti matul il-Festival. Mario Azzopardi, ir-rebbieħ tas-sena ta' qabel tal-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Letteratura, ġie onorat f'avveniment speċjali fejn għadd ta' individwi li kienu ħadmu miegħu mill-qrib tul il-karriera twila tiegħu, ipparteċipaw f'diskussjoni mmexxija minn Antonella Axisa. Matul l-avveniment intwera wkoll dokumentarju qasir dwar Mario Azzopardi li sar f'kollaborazzjoni bejn id-dar tal-pubblikazzjoni Horizons u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Dehra notevoli oħra saret minn Trevor Żahra, li kien is-suġġett ta' avveniment imħejji minn Merlin Publishers, fejn il-karriera magħrufa u mżewqa tal-awtur venerabbli ġiet diskussa u ċċelebrata. Dan jirrifletti saħansitra bidla oħra li saret minn mindu l-avveniment ħa l-forma ta' festival — beda jservi bħala pjattaforma li tippermetti lill-membri tal-pubbliku jiltaqgħu u jinteraġixxu ma' awturi li kellhom irwol kruċjali fl-iżvilupp tax-xena letterarja Maltija.

Kwistjoni pendenti tal-Festival hija, naturalment, l-ispazju. Sena wara sena il-Festival jibqa' jikber bis-saħħa tax-xogħol ta' promozzjoni u ta' organizzazzjoni. Konsegwenza diretta ta' dan hija li l-applikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni qed jiżdiedu kull sena u qed isir dejjem aktar diffiċli biex jinstab post għal kulħadd. M'hemm l-ebda dubju li xi darba jew oħra l-post ser ikollu jinbidel sabiex jakkommoda t-talbiet għal stands u spazju li kulma jmur qed jiżdiedu aktar. Ovvjament din mhijiex ħaġa sempliċi u l-istudju ta' siti alternattivi se jkompli fil-futur qrib.

Aktar minn 30,000 persuna żaru l-Festival u ħadu sehem f'bosta avvenimenti u attivitajiet li mlew il-programm ta' avvenimenti kulturali. Il-Festival għandu rwol ewlieni fl-istrateġija tal-promozzjoni tal-letteratura Maltija u li jinkoraġġixxi d-drawwa tal-qari fost il-Maltin. Huwa wieħed mill-pjattaformi ewlenin biex jilħqu lill-pubbliku u jippermettu interazzjoni tajba bejn l-awturi, il-pubblikaturi u dawk interessati fl-industrija tal-kotba. Fis-snin li ġejjin għandna l-intenzjoni li nespandu l-possibilitajiet ta' laqgħat bħal dawn billi ninkoraġġixxu li jkun hemm aktar parteċipazzjoni internazzjonali u interazzjoni akbar. Dan se jkun jeħtieġ aktar ippjanar u aktar investiment, iżda huwa importanti li sena wara sena l-Festival ikompli jikber kemm f'termini ta' intensità ta' viżitaturi u l-parteċipazzjoni ta' dawk interessati, kemm dawk lokali u anke dawk barranin.



## The Malta Book Festival 2017

*Lista tal-Parteċipanti fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2017*

- AGUIS & AGIUS Ltd.
- BDL
- BOOKMARK
- BOOKENDS
- ĊAK
- DEER PUBLICATIONS
- EDE BOOKS
- FARAXA PUBLISHING
- FONDAZZJONI WIRT ARTNA
- FRENCH EMBASSY/LIBRAIRIE "LA BOUCHERIE" PARIS
- GERMAN-MALTESE CIRCLE
- GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ
- HERITAGE MALTA PUBLISHING
- HORIZONS
- ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA
- KITE GROUP
- MALTA CLASSICS ASSOCIATION
- MALTA LIBRARIES
- MELI BOOKSHOP
- MELLIEĦA LOCAL COUNCIL
- MERLIN LIBRARY
- MERLIN PUBLISHERS
- MIDESEA BOOKS LTD/KLABB KOTBA MALTIN
- MILLER DISTRIBUTORS LTD
- PANDORA
- SKS PUBLISHERS
- SPS
- THE BARGAINBOX
- WAREHOUSE BOOKSALES



# London Book Fair

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ipparteċipa fil-London Book Fair 2017 fejn, għat-tielet darba konsekuttiva, kellu stand f'post prominenti b'għażla wiesgħa ta' kotba Melitensja, fosthom kotba ta' rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, flimkien ma' kotba ta' proża u kotba ta' referenza ta' kwalità, mill-aktar riċenti ta' pubblikaturi tal-kotba minn Malta.**

Ir-rappreżentanza Maltija f'fieri tal-kotba internazzjonali hija element essenzjali tal-istrateġija adottata mill-KNK fl-isforzi tiegħu biex jippromwovi l-letteratura Maltija barra l-pajjiż. L-istand Maltija fil-LBF tippermetti lit-tim tal-KNK biex jistabbilixxi laqgħat ma' pubblikaturi barranin li jkunu esprimew interess fit-traduzzjoni u fil-pubblikazzjoni ta' letteratura Maltija f'lingwi oħra. Barra minn hekk, dan iservi wkoll bħala spazju fejn jintwerew uħud mill-pubblikazzjonijiet tal-ogħla kwalità minn Malta. L-istand tospita wkoll rappreżentanti minn Gutenberg Press Limited, li jgħinu wkoll fit-twaqqif tal-istand u fi kwistjonijiet ta' loġistika.

Fl-2017, il-KNK uża r-rappreżentanti tiegħu fil-London Book Fair biex jiżguraw numru ta' kuntatti importanti, jagħmlu użu mill-opportunitajiet kollha għal networking u biex iressqu wkoll għadd ta' proposti lill-pubblikaturi barranin. Il-Poetry Pavilion tal-LBF intuża wkoll biex jippromwovi l-letteratura Maltija. Tliet xkafef fil-Poetry Pavilion imtlew bil-kotba ta' poeżija bil-Malti u kopji ta' Under a Tangerine Sky, antoloġija ta' uħud mill-aqwa poeżiji bil-Malti, ippubblikata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u editjata minn Terence Portelli. Apparti dan, kien hemm qari ta' poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż minn atturi Maltin li jgħixu Londra li qraw poeżiji ta' Maria Grech Ganado, Mario Azzopardi, Immanuel Mifsud, Gioele Galea u oħrajn, quddiem udjenza barranija.

Hija l-intenzjoni tal-KNK li jkompli jibni fuq il-ħidma tiegħu fil-London Book Fair billi jagħmel kuntatti ġodda u jikkonsolida dawk preċedenti sabiex ikun f'pożizzjoni aħjar rigward in-negozjar ta' ftehim li jħalli l-frott għal awturi u pubblikaturi Maltin lil hinn minn xtutna.



# Il-Festival tal-Ktieb Fuq il-Kampus

Wieħed mill-prinċipji Ewropej li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jimxi miegħu huwa t-twemmin fil-valur ta' xogħol kooperattiv. Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus huwa bla dubju wieħed mill-aktar sforzi kollaborattivi importanti mwettqa mill-Kunsill, u r-reputazzjoni u l-popolarità tiegħu fost l-istudenti universitarji qed jiżdiedu ma' kull edizzjoni ġdida tal-Festival.

Il-Festival huwa maħsub biex jipprovdi spazju lill-pubblikaturi u d-distributuri Maltin sabiex jippromwovu x-xogħol tagħhom ma' udjenza matura, bħall-istudenti universitarji. Minbarra l-bejgħ ta' kotba, hemm programm varjat ta' avvenimenti li għandu l-għan li jippromwovi l-letteratura fi ħdan ambitù usa' minn sempliċiment il-bejgħ tal-kotba.

Kull edizzjoni tal-Festival ikollha mistieden speċjali. Caroline Smailes, l-awtriċi famuża ta' *In Search Of Adam*, *Like Bees to Honey*, u *The Drowning of Arthur Braxton* kienet il-mistiedna speċjali tal-edizzjoni tal-2017. Matul il-festival, Smailes mexxiet għadd ta' workshops dwar il-kitba kreattiva u kienet ukoll mistiedna f'attività ddedikata lilha fejn inqraw siltiet minn xogħolha u l-pubbliku kellu l-opportunità jiltaqa' magħha u jitkellem mal-awtriċi ċelebri. Fit-tlett ijiem tal-Festival, il-Librerija tal-Università fetħet il-bibien tagħha għal studenti u viżitaturi b'serje ta' attivitajiet interessanti u żjarat f'żoni inqas aċċessibbli tal-librerija. Kienet opportunità unika għall-istudenti u dawk li jixtiequ jkunu studenti sabiex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-aktar għodda importanti ta' riċerka fuq il-Kampus.

Il-pubblikaturi u d-distributuri li pparteċipaw f'dan il-festival kienu HORIZONS, FARAXA BOOKS, SENSIELA KOTBA SOĊJALISTI (SKS), STUDENTS PHILOSOPHICAL SOCIETY, EDE Books, KOTBA CALLEJA, u BDL, fejn uħud minnhom ikkontribwew b'mod estensiv għall-programm ta' avvenimenti. Fost l-avvenimenti li spikkaw mill-programm kien hemm diskors minn Hubertus von Ameluxen, il-provost tal-European Graduate School, avveniment imħejji minn Students' Philosophical Society, kunċert mill-band hip-hop popolari Marmalja, it-tnedija ta' *Who Looks at the Sun Anymore* ta' Kenneth Wain, imħejjija minn Horizons, u preżentazzjoni dwar l-arti tal-illegar tal-kotba minn Glen Calleja.








Ir-4 edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, magħrufa wkoll bħala Campus Book Fest, saret fil-Kwadranglu fuq il-Kampus bejn il-5 u s-7 ta' April – il-ħinijiet tal-ftuħ kienu mid-9:00 sas-14:00 u mill-16:00 sa tard. Bħas-soltu, din l-edizzjoni ġiet imtellgħa mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Malti — Università.

# Il-Konkors Letterarju ta' Films Qosra u Xogħlijiet Awdjoviżivi Oħra tal-KNK

**Fl-2017, il-KNK fassal mill-ġdid il-Konkors ta' Films Qosra tal-KNK u PBS, fejn inħoloq il-Konkors Letterarju ta' Films Qosra. Madankollu, il-Kunsill żamm il-kollaborazzjoni tiegħu mal-PBS fuq għadd ta' proġetti ġodda, inkluż il-ħolqien ta' programm tar-radju, *Taħt il-Qoxra*, ippreżentat minn Rachelle Deguara, u serje tat-televixin ġdida *Paġna minn Ktieb*. Verżjoni itwal tal-programm tat-televixin, imsejħa *Wiċċ imb Wiċċ*, tixxandar fuq il-mezzi ta' midja soċjali tal-Kunsill. Din qajmet ħafna interess fost l-awturi u t-telespettaturi.**

Il-verżjoni l-ġdida tal-Konkors ta' Films Qosra tal-KNK żamm l-istess kriterji u regoli għas-sottomissjoni tal-konkors ta' qabel. Madankollu, il-proposta magħżula issa tirċievi €20,000 f'finanzjament mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, li jinkludu l-ispejjeż tal-loġistika, tad-dawl u tal-elettriku, fejn qabel, xi wħud minnhom kienu fornuti mill-PBS. Il-KNK jalloka wkoll għotja ta' €1000 lill-awturi tal-istorja oriġinali bħala kumpens għall-użu tal-istorja tagħhom.

Ir-rebbieħ tal-konkors jiġi deċiż minn bord ta' aġġudikazzjoni komposta minn ġurati maħtura mill-KNK. Matul il-perjodu ta' produzzjoni, it-tim għandu jżomm kuntatt mal-bord ta' aġġudikazzjoni biex jiġi żgurat li l-proġett miexi skont il-linji gwida stabbiliti minn din il-proposta u l-kriterji u regoli ta' applikazzjoni. Il-proġett rebbieħ imbagħad jintwera waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb fl-istess sena waqt avveniment li jinkludi diskussjoni mal-imħuħ wara x-xogħol u mal-awtur, flimkien ma' akkademiċi u kritiċi tal-films.

Ir-rebbieħa tal-edizzjoni tal-Konkors tal-2017 kienet il-kumpanija Mitħolma bil-proposta tagħha biex tadatta n-novella ta' Joe Friggieri, Dritt għall-Punt, li dehret f'ġabra ta' novelli msejħa Nismagħhom Jgħidu. Din kienet l-ewwel darba li l-proposta kienet għal film ta' animazzjoni. Il-bord ta' aġġudikazzjoni kien magħmul minn tliet ġurati — Charles Calleja Storace, Andrei Vella Laurenti u Reuben Zammit.

F'nofs Ottubru, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb beda żewġ proġetti ġodda mal-PBS — il-programm tar-radju li diġà semmejna *Taħt il-Qoxra*, li fih Rachelle Deguara tintervista l-awturi dwar xogħolhom u tistaqsihom mistoqsijiet ta' rilevanza soċjali, politika u estetika, u *Paġna minn Ktieb*, programm tat-televixin fil-ħin meta x'aktarx jilħaq udjenza usa'. F'dan il-programm, il-preżentatriċi Antonella Axisa taqra siltiet minn xogħlijiet ta' awturi lokali. *Wiċċ imb Wiċċ*, verżjoni itwal tal-istess programm, jinkludi wkoll intervista ma' awturi u hu mxandar onlajn fuq YouTube u fuq il-paġni ta' Facebook tal-Kunsill.

Minbarra dawn, il-KNK se jkun ukoll qed jesplora l-possibbiltà li jadatta xogħlijiet letterarji Maltin għall-film matul din is-sena, bl-użu kemm ta' finanzjament lokali kif ukoll tal-UE sabiex jikkoordina x-xogħol ma' kumpaniji awdjoviżivi lokali u l-awturi.





# Il-Konkors Letterarju – Kitba għaż-Żgħażagħ

**Flimkien mal-Aġenzija Żgħażagħ, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb organizza konkors annwali "Il-Konkors Letterarju – Kitba Għaż-Żgħażagħ", li jikkonsisti f'konkors ta' kitba li jagħżel u jippremja rumanzi miktubin bil-Malti għall-qarrejja żgħażagħ adolexxenti.**

Din l-inizjattiva għandha żewġ għanijiet. L-ewwel nett din tfittex li tħeġġeġ lill-kittieba, kemm dawk stabbiliti kif ukoll dawk emerġenti, sabiex joħolqu letteratura ta' kwalità għall-qarrejja żgħażagħ. It-tieni nett din għandha l-għan li jiżdiedu l-qarrejja li jaqraw kotba ta' dan il-ġeneru permezz tal-promozzjoni u tal-interess li dan il-konkors jiġġenera fost il-qarrejja żgħażagħ.

Is-sottomissjonijiet għal dan il-konkors huma mistennija li jesploraw temi relatati mal-isfidi differenti li ż-żgħażagħ iħabbtu wiċċhom magħhom f'dan l-istadju ta' ħajjithom, mingħajr ma tittieħed pożizzjoni didattika jew kondixxendenti. L-awturi mhux bilfors ikunu jappartjenu għall-grupp ta' età fil-mira u l-konkors huwa miftuħ għal dawk li għandhom 20 sena jew aktar. Il-kriterji tal-aġġudikazzjoni huma determinati minn dak li huwa meqjus bħala mixtieq f'letteratura bħal din — ir-rilevanza tat-temi għal dan il-grupp ta' età, evidenza ta' kuxjenza soċjali, reġistru adekwat u djalogu konvinċenti. Fiċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet, li saret fil-"Youth Village" fit-3 ta' Marzu 2017, u kienet preseduta mill-Onorevoli Chris Agius, Segretarju Parlamentari għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, tħabbru l-ismijiet tar-rebbieħa tal-kompetizzjoni: Matthew Schembri u Antoinette Borg. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-konkors, ġie deċiż li l-awturi jingħataw il-fondi u intalbu biex jinnegozjaw ftehim ta' pubblikazzjoni b'għajnuna minima mill-KNK, b'differenza għall-edizzjonijiet preċedenti tal-kompetizzjoni fejn il-KNK kien joħroġ sejħa għall-espressjoni ta' interess għall-pubblikazzjoni tal-manuskritti. It-tama hija li dan se jservi bħala proċess ta' tagħlim għar-rebbieħa li qatt ma ġew ippubblikati qabel, opportunità biex jitgħallmu kif javviċinaw lill-pubblikaturi, u kif għandhom jinnavigaw minn qalb l-irqaqat tal-kuntratti tal-pubblikazzjoni.



# Żjarat ta’ Ħidma

## Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iwettaq diversi żjarat ta’ ħidma kull sena biex jippromwovi u jesporta l-kotba u l-letteratura bil-Malti u jwettaq ħidma istituzzjonali oħra.

- Il-President eżekuttiv mar il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-ISBN f’Ottawa, il-Kanada. Waqt din il-laqgħa ttieħdu votazzjonijiet dwar il-manwal il-ġdid tal-utenti u l-kuntratt il-ġdid tal-Aġenzija Internazzjonali tal-ISBN (IIA). Saru wkoll tħejjijiet u diskussjonijiet mal-IIA dwar il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-2018 li se tiġi organizzata f’Malta.
- Il-Kap Eżekuttiv żar il-Fiera tal-Kotba ta’ Frankfurt biex iwettaq xogħol internazzjonali u l-promozzjoni tal-letteratura Maltija ma’ pubblikaturi barranin.
- Il-Maniġer ivvjaġġa, fi vjaġġi separati, kemm lejn il-Fiera tal-Kotba ta’ Abu Dhabi u l-Fiera tal-Kotba ta’ Sharjah sabiex jippromwovi l-letteratura Maltija u jiddiskuti u jinnegozja ftehim mal-pubblikaturi.
- Il-Kap Eżekuttiv mar Pariġi għall-konferenza bjennali dwar il-Jeddijiet tas-Self Pubbliku. Saru diskussjonijiet ma’ partijiet Ewropej dwar l-iżviluppi leġiżlattivi Ewropej attwali.
- Il-Kap Eżekuttiv mar Ruma għall-Istati Ġenerali tal-Federazzjoni ta’ Awturi Taljani (Federazione Unitaria Italiana Scrittori, FUIS) fejn għamel preżentazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta’ Malta. Saru wkoll diskussjonijiet dwar l-iżviluppi leġiżlattivi Ewropej attwali. Matul din il-konferenza, il-FUIS ipproponiet il-ħolqien ta’ Federazzjoni  ta’ Awturi Mediterranji. Il-Kunsill jappoġġja din l-inizjattiva bis-sħiħ.
- Il-Kunsill għamel il-vjaġġ regolari tiegħu għal-London Book Fair.








# Il-Fond Malti tal-Ktieb

**Il-Fond Malti tal-Ktieb, li għandu valur totali ta' €40,000 u huwa miftuħ kemm għall-awturi u għall-pubblikaturi, joffri żewġ tipi ta' għotjiet — għotjiet għall-pubblikazzjoni u għotjiet għall-edukazzjoni, fejn kull għotja titla' sa massimu ta' €5,000.**

Il-Fond tal-pubblikazzjoni huwa primarjament maħsub biex jappoġġja proġetti tal-pubblikazzjoni li jinvolvu ġeneri jew oqsma ta' studju li għandhom it-tendenza li ma jkunux finanzjarjament vijabbli iżda fl-istess ħin huma ta' valur kulturali kbir. Il-Fond tal-edukazzjoni, min-naħa l-oħra, huwa maħsub biex jipprovdi appoġġ finanzjarju (massimu ta' €5,000) għal individwi u kumpaniji li jixtiequ jattendu sessjonijiet ta' ħidma jew programmi edukattivi barra mill-pajjiż.

Total ta' disa' proġetti ngħataw finanzjament minn ġurija li kienet tikkonsisti minn tliet ġurati — Norbert Bugeja, Clare Vassallo u Aleks Farrugia. Il-proġetti kollha kienu proġetti ta' pubblikazzjoni, li minnhom erbgħa rċevew finanzjament sħiħ. Il-KNK issa se jimmonitorja l-progress ta' dawn il-proġetti sabiex jiżgura li dawn jitlestew.

Il-ftuħ tal-fond fil-21 ta' April intlaqa' b'entużjażmu mill-awturi u l-pubblikaturi lokali, u għaldaqstant kien hemm għadd kbir ta' sottomissjonijiet. Waqt l-aħħar xahar qabel id-data ta' skadenza tas-sottomissjonijiet, il-KNK ippubblika għadd ta' artikli onlajn sabiex jgħin lill-applikanti li seta' ma kellhomx esperjenza preċedenti fl-applikazzjoni għall-fondi.



## Rebbieħa tal-Fond Malti tal-Ktieb 2017

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* *Framed. A collection of poetry* by Maria Grech Ganado
*Applikant:* Maria Grech Ganado
*Għotja:* € 3,645.36

*Tip ta' Għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* Translation from Russian into English of the book *A short topographical, historical, and political descritption of the island of Malta and the Sovereign Order of St John of Jerusalem written by Gregory Krayevsky in two parts in St. Petersburgh, by the Imperial Academy of Sciences, in the year 1800*
*Applikant:* Joseph Schirò
*Għotja:* € 5,000.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* *Mibdul*
*Applikant:* Chris Gruppetta
*Għotja:* € 5,000.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* *The Maltese Cinderella and the women's storytelling tradition*
*Applikant:* Veronica Veen
*Għotja:* € 5,000.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* *Building the frontier. Architecture in Malta between the 16th and the 17th century.*
*Applikant:* Armando Antista
*Għotja:* € 5,000

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* *The Role and Symbolism of Flowers in Maltese Art*
*Applikant:* Joanne Micallef
*Għotja:* € 4,000

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* *Siltiet mill-Metamorfosi – traduzzjoni ta' siltiet minn Ovid.*
*Applikant:* Michael Zammit
*Għotja:* € 4,000.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* *L-Analetti ta' Konfuċju* – tradott miċ-Ċiniż għall-Malti minn Mark L Farrugia.
*Applikant:* Joseph Borg
*Għotja:* € 4,000.00

*Tip ta' għotja:* Pubblikazzjoni
*Titlu tal-proġett:* *Giuseppe Brincat: A Gozitan Wine Merchant*
*Applikant:* Michael Refalo
*Għotja:* € 4,000.00

# Inizzjattivi Oħra

Minbarra l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Festival tal-Ktieb fil-Kampus, il-KNK beda wkoll ċelebrazzjoni ġdida tal-kotba — il-Festival tal-Ktieb fis-Sajf, li sar fl-Iskola Post-Sekondarja M.A. Refalo fir-Rabat, Għawdex, fl-14 u l-15 ta' Lulju. It-tema tal-festival kienet dwar iż-Żgħażagħ u l-Letteratura u t-tieni jum kien iddedikat lill-memorja tal-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani. Numru ta' pubblikaturi u organizzazzjonijiet oħra tal-kotba — Faraxa, MCA, Horizons, SKS u Midsea Books — ħadu sehem fil-proġett u taw il-kontribut tagħhom permezz ta' avvenimenti waqt il-programm kulturali.

Kif inhi t-tradizzjoni, il-KNK nieda għadd ta' donazzjonijiet ta' kotba lill-iskejjel waqt il-Jum Dinji tal-Kotba u organizza avveniment tal-kotba fl-Iskola Primarja f'Ħad-Dingli, fejn fost attivitajiet oħra, il-kittieb John Bonello ġiet mistieden jaqra siltiet mix-xogħol tiegħu lit-tfal tal-iskola. Kien hemm donazzjonijiet oħra ta' kotba matul Jum il-Librerija, fejn ingħataw titli rebbieħa bħala donazzjoni lil-Libreriji Maltin. Saru aktar donazzjonijiet lill-Junior College u lill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Kmieni f'Marzu, il-KNK ikkollabora ma' kafetterija letterarja fi Brussell — Librebook Bruxelles — biex iniedi sessjonijiet ta' qari mill-kittieba Maltin Maria Grech Ganado, Clare Azzopardi, Loranne Vella u Alex Vella Gera fl-okkażjoni tal-Presidenza ta' Malta tal-UE.

